**Kunsill Lokali –L-ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 23**

**22 ta' Jannar 2026**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar il-Ħamis 22 ta' Jannar 2026 fis-4:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Mario Gauci - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 23 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **23.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma Kienx hemm |
| **23.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 23.2.1 | Kopja tal-Minuti tal-laqgħa pubblika numru 21 u kopja tal-minuti tal-laqgħa 22, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u ġew issekondti mill-kunsillier s-Sur Mario Gauci. |
| **23.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 23.03.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti, li l-kunsill irċieva invit mil-arċipriet li l-Ġimgħa fit-12 ta' Frar 2026 ser jiġi inawgurat il-mużew tas-subien. Min ser jattendi jinforma lil arċipriet. |
| 23.03.02 | Is-sindku informa lil kunsilliera li s-Sibt 14 ta' Frar 2026 filgħodu ser ikun hemm seminar fis-sala tal-Forti San Mikiel dwar l-Għana Fest li ser titella' mir-Reġjun Port li din is-sena ir-Reġjun huwa ir-Reġjun tal-Kultura. |
| 23.03.03 | Is-sindku informa lil kunsilliera li l-fuljett li ser jitqasssam bieb, bieb dwar l-isem Senglea wasal fil-final. |
| 23.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera li ser jinxtara aktar suf sabiex ikomplu jiltaqgħu il-grupp tal-crafts u tinħadem il-bajda tal-Għid mill-ġdid u l-antika tingħata lil qtates abandunati. Il-Kunsilliera qablu unanimament. |
| 23.03.05 | Is-sindku informa lil kunsilliera li ser jiġi organiżżat tournament tal-Biliard fil-klabb tal-boċċi għal-Jum L-Isla. Il-Klabb tar-Regatta u tal-banda huma interessati ukoll li jipparteċipaw għal-Jum L-Isla. |
| 23.03.06 | Is-Sindku iddiskuta dwar laqgħa li kellu mas-Sur Joe Mizzi ic-chairman tal-Fondazzjoni Kottonera sabiex issir Maratona ta' 5K fl-10 ta' Mejju 2026. Is-Sa. Joeline Attard issuġġerit li ssir Sports Day fix-xatt tal-Isla għal-Jum L-Isla jew tiġi marbuta mal-Maratona u issir qabel il-Maratona. Is-Sindku ħa nota sabiex jitkellem ma Sports Malta. |
| 23.03.07 | Is-Sindku bagħat imejl lil kunsilliera kollha dwar l-installazzjoni ta' stands tar-roti ġiet approvata mit-TM. |
| 23.03.08 | Is-sindku informa lil kunsilliera li kellu laqgħa mas-Sur Gorg Farrugia fejn issuġġerixxa li l-kunsill japplika għal-Solidarity Projects fejn jieħdu sehem iż-żgħażagħ flimkien ma l-anzjani, dan il-proġett huwa immirat sabiex iż-żgħażagħ jgħinu lil anzjani sġpeċjalemnt fit-teknoloġija, dawn huma fondi tal-EUPA. |
| 23.03.09 | Is-Sindku fakkar lil kunsilliera preżenti li l-Karnival fl-Isla ser issir is-Sibt 7 ta' Frar 2026 fis-7.30 pm fi pjazza George Mittrovich.Il-Kunsill |

| | |
|---|---|
| | ħa ħsieb għar-risk assesment, puluzija u ambulanza kif ukoll l-insurance. Ser ikun hemm kant u żfin. |
| 23.03.10 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li l-kuleġġ ta' Santa Margerita talab li jinxtara ktieb għal-student mill-Isla li ser jieħu premju fil-Prize Day. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 23.03.11 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li ser issiru il-laqgħat tal-kunsill taż-żgħażagħ ser jiltaqgħu fit-12 ta' Frar 2026 u d-dsatax ta' Marzu 2026. Is-Sindku ser jinfurmhom li fit-12 ta' Frar 2026 il-kunsill għandu l-invit għal-ftuħ tal-mużew tas-subien u fid-19 ta' Marzu tkun festa pubblika San Ġuzepp għalhekk hemm bżonn li jinbidlu d-dati. |
| 23.03.12 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li s-Senglea Drama Group ser torganiżża Wirja minflok reċjta għalhekk xtaqu l l-kunsill tal-Isla jikkolabora ma din l-attivita. Il-Kunsilliera qablu unanimament.Kif ukoll ser issir wirja fis-sala Forti San Mikiel kif saret is-sena l-oħra. Fil-maħżen ta' fuq il-Brigata ser issir wirja tal-knisja bil-vari u barra l-Mini ser issir drama minn grupp mill-Isla. |
| 23.03.13 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li wara l-ewwel tas-sena ltaqa mas-Sur Joe Mizzi ic-chairperson tal-Fondazzjoni Kottonera sabiex din is-sena jinxtgħelu is-swar tad-daħla tal-Isla għal żmien il-Milied u jinxtgħel wara l-festa tal-Kunċizzjoni jekk ikun hemm qbil mil-Kunsilliera. Il-Kunsilliera qablu unanimament b'din il-proposta. |
| 23.03.14 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li dwar il-katusi tal-ilma u tad-dranaġġ it-tender ħareġ minn naħa tal-WSC. Is-sindku qara l-imejl li irċieva minn għand il-Perit ta' dan il-proġett, bħal issa it-tieni tender qed tiġi evalwata għaliex l-ewwel tender li inħarġet f'Ottubru ħadd ma kien tefa' l-offerti għal din it-tender u issa tefa' t-tender kuntrattur wieħed fejn din it-tender qed tiġi evalwata. Is-Sindku kellu wkoll laqgħa ma Infrasturcture Malta sabiex issiru dawn it-tlett toroq: Triq il-Kurċifiss, Triq D'homedes u Triq San Mikiel, Triq D'homedes qeda imniżżla wkoll iżda mhux urġenti daqs l-oħrajn. Triq il-Ponta issir wara li jsiru x-xogħolijiet tal-WSC. |
| 23.03.15 | Is-Sindku ressaq imejl minn għand Jesmond Xuereb mill-Miema fejn qed jissuġġerixi li l-Kunsill tal-Isla japplika għal-proġett fejn jidħol il-baħar. Dan il-proġett tal-Ewropa li huma Interreg Itlaja - Malta ) il-Kunsill tal-Isla ser jipparteċipa flimkien mal-Kunsill tal-Birgu u ma kunsill mill-Itlaja jekk kemm il-darba il-kunsill tal-Isla japprova li huwa interessat. |
| 23.03.16 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju Eżekuttiv ser jipparteċipaw f'konferenza bejn it-2 u l-5 ta' Frar 2026 ġewwa Ateni fil-Greċja għall-proġett li l-kunsill kien applika u huwa partner mar-Rumania u mal-Italja. Dan il-Proġett Greco huwa immirat għall-spazji miftuħa. |
| 23.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li fl-4 ta' Frar ser issir konferenza dwar Safe Internet , Safe Children min irrid jipparteċipa għal din il-konferneza, is-sindku u s-segretarju ma jistgħux jattendu għaliex ser ikunu fil-konferenza tal-Greco fil-Greċja. |
| 23.03.18 | Is-Sindku tal-Birgu is-Sur John Boxall stieden lil kunsilli tal-kottonera u l-Kalkara sabiex jingħaqdu u jsiru diskusjonijiet u riċerka biex isir ġemelaġġ ma Miami fl-Amerika. Is-Sur John Boxall għandu komunikazzjonijiet mal-ambaxxatur tal-Amerika jekk il-kunsill tal-Isla |

| | |
|---|---|
| | japprova li jibdew dawn id-diskussjonijiet ninfumaw lis-Sur Boxall. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament. |
| 23.03.19 | Is-Sindku bagħat imejl lil Lands Department sabiex jara jekk hemmx xi żviluppi dwar ix-xelters tal-ponta, iżda s'issa għad m'hemmx risposta. |
| 23.03.20 | Is-Sindku iltaqa' mal-Community Police fejn iproponew li issir attivita' fil-grawnd f' Marzu fejn ikun hemm logħob għat-tfal u logħoba futbol fejn il-kunsill jinvolvi l-għaqdiet kollha. |
| 23.03.21 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li dwar il-mudell tat-teatru irjali ser issir MOU sabiex dan il-mudell jibqa' għand il-kunsill sakemm is-Sur Clive Pulis jibqa' sindku u dan ikun taħt il-ħarsien tal-kunsill. |
| 23.03.22 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li ser issir ċerimonja tat-traċedja li kienet saret fid-dockyard fuq il-bastiment El Faroud. Din iċ-ċerimonja ser issir mill-Kunsill ta' Bormla nhar il-Ħadd 4 ta' Frar 2026 fl-10.00 u xtaqu li jkun hemm is-sindku iżda, is-sindku ma jistgħax jattendi għalhekk staqsa lil viċi sindku jekk jistgħax immur hu minfloku. Il-Viċi Sindku is-sur Anthony Bonavia aċċeta li jmur hu. |
| 23.03.23 | Is-Sindku iddiskuta proġett li l-paroċċa applikat għalih sabiex f'Settembru 2026 il-paroċċa tipparteċipa mal-kunsill tal-Londra u jtellgħu il-banda sabiex jagħmlu festa żgħira tal-Bambina f'Londra fil-21 ta' Settembru 2026. Il-Kunsill tal-Isla applika li huwa interessat. |
| 23.03.24 | Is-Sindku spjega li dawk li applikaw għal-kors tal-ERF li sejrin il-Protugal, il-biljetti ser jinqatgħu mid-dipartiment għal-gvern lokali u għal-akkomodazzjoni id-dipartiment ser jibgħat il-Per Diem fil-kontijiet personali. |
| 23.03.25 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Ġimgħa 23 ta' Jannar u it-Tnejn 26 ta' Jannar 2026 ser jinżabru is-siġar ta' Triq is-Sur mill-Project Green. Is-Sindku talab l-amministrazzjoni sabiex jinġabru kwotazzjonijiet biex issiru wkoll dawk ta' quddiem il-Knisja tal-Vitorja. |
| 23.03.25 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li x-xogħol tal-pavimentar tal-Gardjola beda u ser jippruvaw jitlesta' dan ix-xogħol sa l-aħħar ta' Marzu. |
| 23.03.26 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li dwar il-kumitat tat-trasport bagħatu erba' persuni sabiex ikunu f'dan is-sotto kumitat. Għandhom jiddiskutu meta ser jiltaqgħu sabiex wara jiltaqgħu mal-avukat tal-kunsill għal proposti li jkunu ġew issuġġeriti. |
| 23.03.27 | Is-Sindku talab approvazzjoni tal-kunslliera jekk jaqblux li l-kunsill japplika li l-kunsill jista jispara fuq il-ħamiem. Il-Kunsilliera qablu unanimament. |
| 23.03.28 | Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sindku u l-Kunsilliera preżenti sabiex japprovaw il-Performance Bonus tagħħa u flimkien qablu u approvaw il-performance bonus tas-segretarju eżekuttiv dak ta 10 %. |
| 23.03.29 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kollha li kellha laqgħat mal-Prof. Ivana Legname fejn il-kunsill ser japplika għall-proġett ieħor Interreg Malta u jekk jgħaddi dan il-proġett il-pagament tagħħha bħala kordinattriċi tal-proġett ikun imħallas mill-proġett stess iżda jekk ma jgħaddix dan il-proġett mill-EU ma jkunx hemm dan il-ħlas ta' kordinatriċi. Il-Kunsilliera qbalu ma dan il-proġett fejn il-Belt Valletta, Il-Birgu u Bormla ser ikunu sieħba ma dan il-proġett flimkien mal-kunsill ta' Caltagirone fi Sqallija sabiex it-turiżmu ma jibqax fl-istess żoni imma jimxi f'lokalitajiet oħra u jkun hemm bilanċ ta' turiżmu. |

| | |
|---|---|
| | |
| 23.03.30 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li l-awditjar tal-Kunsill tal-Isla ser isisr bejn 23 u 27 ta' Frar 2026. |
| **23.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 23.04.01 | Il-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt u s-Sa Joeline Attard<br><br>Jixtiequ jistaqsi lis-sindku jekk il-kunsill tal-Isla jistax jivverifika li l-kuntrattur tal-ġabra tal-iskart mhux qed jiġbor l-iskart tar-ristoranti fit-tlieta ta' filgħodu u qed jagħmel ħafna storbju li ma jħalliex ir-residenti jorqdu.<br><br>Is-Sindku ivverifika dak il-ħin stess waqt il-laqgħa jekk kienx il-kuntrattur tar-ristoranti iżda dan qal li mhux hu. Għalhekk is-sindku ser jitlob filmat u jara jekk hux il-kuntrattur tal-home Ħila. Is-Sindku ikkonferma li it-trakk huwa abjad. |
| 23.04.02 | Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia,<br><br>Jixtieq jistaqsi lis-sindku u s-segretarju eżekuttiv:<br>Tista il-banda tal-każin tal-banda tal-Isla toħroġġ idoqq f' Jum L-Isla ?<br><br>Is-Sindku issuġġerixxa li tkun parti mill-programm għall-Jum L-Isla u minflok il-banda iddur mat-toroq tal-Isla tkun fuq il-fort San Mikiel u jkunu bilqegħda u jimxu minn fejn il-knisja sal-forti. |
| 23.04.03 | Il-Kunsillier is-Sur Mario Gauci,<br><br>Jixtieq jistaqsi lis-sindku u s-segretarju eżekuttiv:<br><br>Jista jsiru bollards queeim il-maħżen tal-festa għaliex ikun hemm min jipparkja u ma jkunux jistgħu jidħlu bil-vanijiet għal-armar tal-festa u għal-wirja tal-Ġimgħa l-Kbira.<br><br>Is-Sindku staqsa lil kunsilliera preżenti jekk issibux oġġezzjoni u dawn ma sabu l-ebda oġġezzjoni li jsiru dawn il-bollards. |
| 23.04.04 | Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia,<br><br>Jixtieq jistaqsi lis-sindku u s-segretarju eżekuttiv:<br><br>Jista l-kunsill jiċċekja dwar it-tappiri ta' Triq il-Vitorja għaliex bil-lejl fil-ħemda meta jgħaddu l-karrozzi minn fuqhom qed jagħmlu ħafna storbju.<br><br>Is-Segretarju infurmatu li ser tgħaddi dan l-ilment lil water service u l-kumpaniji tal-Go u tal-Melita. |

| | |
|---|---|
| | |
| **23.5** | **Rapporti** |
| 23.05.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl l- *Annual Report and Financial Statement for the year 2025* fejn is-segretarju eżekuttiv spjegat li għalaqna sa l-aħħar tas-sena 31 ta' Diċembru 2025, kif ukoll preżentat ir-rapport tar-raba' kwart fejn ukoll għalaq il-finanzi sa l-aħħar tas-sena 2025 fejn jindika li l-kunsill tal-Isla huwa bis-surplus. Dawn iż-żewġ rapporti ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mil-kunsillier is-Sur Mario Gauci. |
| 23.05.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl ir-rapport tal-Business Plan 2026 – 2030 fejn spjegat kif il-kunsill tal-Isla għandu l-ħsieb li jmexxi il-finanzi għal dawn is-snin li ġejjien. Dan ir-rapport ġie approvat mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mil-kunsillier is-Sur Mario Gauci. |
| 23.05.03 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Diċembru 2025 u l-*Petty Cash* ta' Diċembru 2025 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mil-kunsillier is-Sur Mario Gauci. |
| **23.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 23.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 01/2026 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mil-kunsillier is-sur Mario Gauci. |
| **23.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 23.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-6:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2026 fl-4:00p.m. |

Konfermati, illum 17 ta' Frar 2026

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv